REGOLAMENT (UE) Nru 1144/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ottubru 2014

dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 ([4]), l-Unjoni tista' timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni fis-suq intern u f'pajjiżi terzi għall-prodotti agrikoli u l-metodu tal-produzzjoni tagħhom, kif ukoll għal ċerti prodotti alimentari bbażati fuq prodotti agrikoli.

(2) Meta wieħed iqis l-esperjenza miksuba, u l-iżviluppi fis-settur agrikolu u fis-swieq interni u dawk esterni tal-Unjoni, hemm lok għar-rieżami tal-iskema stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 3/2008 biex dan ikun aktar effikaċi u koerenti. Huwa xieraq għalhekk li jitħassar ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 u li jinbidel b'wieħed ġdid.

(3) L-objettiv ta' tali azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni huwa li tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur agrikolu tal-Unjoni, biex b'hekk ikun hawn ekwità akbar kemm fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi. B'mod aktar speċifiku, l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għandhom jimmiraw sabiex tiżdied il-kuxjenza tal-konsumaturi dwar il-merti tal-prodotti agrikoli tal-Unjoni u l-metodi ta' produzzjoni u biex jiżdiedu l-kuxjenza u r-rikonoxximent ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni. Barra minn hekk, għandhom iżidu l-kompetittività u l-konsum ta' prodotti agrikoli tal-Unjoni, jgħollu l-profil tagħhom kemm ġewwa u barra l-Unjoni u jżidu s-sehem mis-suq ta' dawk il-prodotti, b'attenzjoni speċjali għal dawk is-swieq f'pajjiżi terzi li għandhom l-ogħla potenzjal għat-tkabbir. Fil-każ ta' tfixkil serju tas-suq, telf ta' fiduċja tal-konsumatur jew problemi aktar speċifiċi, dawk l-azzjonijiet għandhom jgħinu biex il-kundizzjonijiet normali tas-suq jerġgħu li kienu. Tali azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għandhom, b'mod utli, jikkomplementaw u jsaħħu l-azzjonijiet implimentati mill-Istati Membri. Sabiex jilħqu l-objettivi tagħhom, l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għandhom ikomplu jiġu implimentati ġewwa u barra l-Unjoni.

(4) Il-miżuri għandhom ukoll jimmiraw għat-tisħih tal-awtenticità tal-prodotti tal-Unjoni sabiex jitjieb l-għarfien tal-konsumaturi dwar il-kwalitajiet ta' prodotti ġenwini meta mqabbla ma' imitazzjonijiet u prodotti foloz; dan se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-għarfien fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi terzi dwar is-simboli, l-indikazzjonijiet u l-abbrevjazzjonijiet li jixhdu l-parteċipazzjoni fl-iskemi Ewropej tal-kwalità stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(5) Wieħed mill-aspetti qawwijin tal-produzzjoni tal-ikel tal-Unjoni jinsab fid-diversità tal-prodotti tagħha u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, li huma marbuta ma' żoni ġeografiċi differenti u metodi tradizzjonali differenti u li jipprovdu togħmiet uniċi filwaqt li joffru l-varjetà u l-awtenticità li l-konsumaturi qed ifittxu dejjem aktar, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha.

([1]) Opinjoni tat-30 ta' April 2014 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tat-2 ta' April 2014 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2014.
([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi (ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1).
([5]) Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

(6) Minbarra informazzjoni dwar il-karatteristiċi intrinsiċi tal-prodotti agrikoli u alimentari tal-Unjoni, l-azzjonijiet eliġibbli jistgħu jikkomunikaw messaġġi favorevoli għall-konsumatur, u jiffukaw inter alia, fuq in-nutrizzjoni, it-togħma, it-tradizzjoni u l-kultura.

(7) L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni ma għandhomx ikunu orjentati skont marki kummerċjali jew skont l-oriġini. Madankollu, sabiex titjieb il-kwalità u l-effikaċja tad-dimostrazzjonijiet, l-attivitajiet ta' tidwiq u materjal ta' informazzjoni u promozzjoni, għandu jkun possibbli li jissemmew il-marki kummerċjali u l-oriġini tal-prodott, sakemm jibqa' jiġi rispettat il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u li l-miżuri ma jkunux immirati lejn l-inkoraġġiment favur il-konsum ta' prodott fuq il-bażi unika tal-oriġini tiegħu. Barra minn hekk, tali miżuri għandhom jirrispettaw il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u ma għandhomx iwasslu għal restrizzjoni fil-moviment ħieles ta' prodotti agrikoli u alimentari bi ksur tal-Artikolu 34 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Għandhom jiġu stipulati regoli speċifiċi dwar il-viżibilità ta' marki kummerċjali u ta' oriġini fir-rigward tal-messaġġ ewlieni ta' kampanja tal-Unjoni.

(8) L-Unjoni tesporta prinċipalment prodotti agrikoli finali, inklużi prodotti agrikoli mhux elenkati fl-Anness I tat-TFUE. Għalhekk il-forniment ta' informazzjoni u l-miżuri ta' promozzjoni għandhom jinfetħu biex jinkludu ċerti prodotti barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tat-TFUE. Dan ikun konsistenti ma' skemi oħra tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) bħall-iskemi Ewropej tal-kwalità, li diġà huma miftuħa għal dawn il-prodotti.

(9) L-informazzjoni u l-promozzjoni tal-inbejjed tal-Unjoni hija waħda mill-miżuri ewlenin tal-programmi ta' għajnuna fis-settur tal-inbid.Fir-rigward tal-inbid, huwa biss l-inbid b'denominazzjoni ta' oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, kif ukoll l-inbid li fuqu hemm indikata l-varjetà tal-għenba tal-produzzjoni tal-inbid li għandhom ikunu suġġett tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni. Fil-każ ta' programmi sempliċi, il-programm inkwistjoni għandu jkopri wkoll ma' prodott agrikolu jew alimentari ieħor. B'mod simili, ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jipprevedi l-promozzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura. Konsegwentement, l-eliġibbiltà ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura elenkati fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni previsti skont din l-iskema għandha tkun limitata esklussivament għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li huma assoċjati ma' prodott agrikolu jew prodott tal-ikel ieħor.

(10) Prodotti koperti mill-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni u minn skemi rikonoxxuti mill-Istati Membri għandhom ikunu eliġibbli għall-miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni peress tali skemi jipprovdu lill-konsumaturi bil-garanzija dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott jew il-proċess ta' produzzjoni użat, jiksbu valur miżjud għall-prodotti kkonċernati u jsaħħu l-opportunitajiet tas-suq tagħhom. Bl-istess mod, il-metodu ta' produzzjoni organika, kif ukoll is-simbolu grafiku għal prodotti agrikoli ta' kwalità speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi għandhom ikunu eliġibbli għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni.

(11) Għall-perjodu 2001-2011, 30 % biss tal-baġit allokat għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni intefaq fuq misuri għall-pajjiżi terzi, meta dawk is-swieq joffru potenzjal kbir għat-tkabbir. Għalhekk huma meħtieġa arranġamenti sabiex jinkoraġġixxu għadd akbar ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni favur il-prodotti agrikoli tal-Unjoni fil-pajjiżi terzi, b'mod partikolari bl-għoti ta' aktar appoġġ finanzjarju.

(12) Biex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni implimentati, huma għandhom jiġu żviluppati fil-kuntest ta' programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni. Programmi bħal dawn s'issa ġew sottomessi minnorganizzazzjonijiet professjonali jew interprofessjonali. Sabiex jiżdied in-numru tal-azzjonijiet proposti u biex titjieb il-kwalità, il-firxa ta' benefiċjarji għandha titwessa' biex tinkludi organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, gruppi u korpi tas-settur agroalimentari li l-objettiv u l-attività tagħhom huma li jipprovdu informazzjoni dwar il-prodotti agrikoli u jippromwovuhom.

(13) L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni kkofinanzjati mill-Unjoni għandhom jiddimostraw dimensjoni speċifika tal-Unjoni. Għal dan il-għan, u sabiex ikun evitat sparpaljar ta' riżorsi u sabiex tiżdied il-viżibbiltà tal-Ewropa permezz ta' dawn l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għal prodotti agrikoli u ċerti prodotti tal-ikel, jeħtieġ li jiġi stabbilit programm ta' ħidma li jiddefinixxi l-prijoritajiet strateġiċi għal dawn l-azzjonijiet f'termini ta' popolazzjonijiet, ta' prodotti, ta' skemi jew ta' swieq fil-mira kif ukoll il-karatteristiċi tal-messaġġi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li għandhom jingħataw. Il-programm għandu jiġi żviluppat fuq il-bażi tal-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti skont dan ir-Regolament, u għandu jikkunsidra l-possibilitajiet offruti mis-swieq u l-ħtieġa li l-azzjonijiet implimentati mill-Istati Membri u l-operaturi jiġu kkomplementati u msaħħin, kemm fis-suq

[1] Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond tas-Sajd Ewropew Marittimu u li jħassar Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

[2] Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

intern u f'pajjiżi terzi, sabiex jiġi żgurat li dik il-politika ta' promozzjoni u informazzjoni tkun koeżiva. Għal dan il-għan, meta tfassal dak il-programm, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Istati Membri u ma' partijiet interessati rilevanti.

(14) Il-programm ta' ħidma għandu jipprovdi, inter alia, arranġamenti speċifiċi sabiex issir reazzjoni fl-eventwalità ta' tfixkil serju tas-suq jew telf ta' fiduċja tal-konsumatur, jew problemi speċifiċi oħra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari l-pożizzjoni predominanti tal-intrapriżi żgħar u medji fis-settur agroalimentari, settur li jibbenefika mill-miżuri eċċezzjonali previsti fl-Artikoli 219, 220 u 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u, għall-miżuri immirati lejn pajjiżi terzi, tal-ftehimiet tal-kummerċ ħieles li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali tal-Unjoni. Meta tfassal dak il-programm, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll l-iżvantaġġi ta' żoni muntanjużi, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

(15) Sabiex jiġi żgurat li azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni jiġu implimentati b'mod effettiv, dawn għandhom jiġu fdati lil korpi ta' implimentazzjoni magħżula permezz ta' proċedura kompetittiva. Madankollu, f'każijiet debitament ġustifikati, organizzazzjonijiet proponenti għandu jkollhom il-possibilità li jimplimentaw direttament ċerti partijiet mill-programm tagħhom.

(16) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' timplimenta l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni fuq inizjattiva tagħha stess, inklużi missjonijiet ta' livell għoli, partikolarment bil-ħsieb li dan jikkontribwixxi għall-ftuħ ta' swieq ġodda. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tmexxi l-kampanji tagħha stess biex tipprovdi rispons fil-pront u effettiv fl-eventwalità ta' tfixkil serju tas-suq jew telf ta' fiduċja tal-konsumatur. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-inizjattivi tagħha stess li jippjanaw li jimplimentaw tali kampanji. Approprjazzjonijiet allokati lil programmi sempliċi jew multipli ta' informazzjoni u promozzjoni ma għandhomx jitnaqqsu fl-eventwalità ta' azzjoni meħuda mill-Kummissjoni taħt dawk iċ-ċirkostanzi.

(17) Lil hinn mil-limiti tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, jeħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa u tikkoordina servizzi ta' appoġġ tekniku fil-livell tal-Unjoni bil-għan li tgħin lill-operaturi jieħdu sehem fi programmi kofinanzjati, biex iwettqu kampanji effiċjenti jew biex jiżviluppaw l-attivitajiet tal-esportazzjoni tagħhom. Dawk is-servizzi għandhom b' mod partikolari jinkludu l-forniment ta' linji gwida biex benefiċjarji potenzjali jikkonformaw mar-regoli u l-proċeduri relatati ma' din il-politika.

(18) L-isforzi ta' promozzjoni tal-prodotti tal-Unjoni fis-swieq tal-pajjiżi terzi kultant jiġu preġudikati mill-kompetizzjoni li jiffaċċjaw ta' imitazzjonijiet u prodotti foloz. Is-servizzi ta' appoġġ tekniku żviluppati mill-Kummissjoni jinkludu pariri għas-settur fir-rigward tal-protezzjoni ta' prodotti tal-Unjoni minn prattiki ta' imitazzjoni u ta' falsifikazzjoni.

(19) Is-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju tal-PAK hija prijorità importanti għall-Unjoni. Tali approċċ għandu jiġi applikat ukoll għal dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-prinċipji ta' tmexxija amministrattiva tal-programmi ta' informazzjoni u promozzjoni għandhom jiġu riveduti bil-għan li jiġu semplifikati u li jippermettu lill-Kummissjoni tistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri li japplikaw il-preżentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-għażla ta' proposti għal programmi. Il-Kummissjoni, madankollu, għandha tiżgura li l-Istati Membri jirċievu informazzjoni fil-ħin dwar il-programmi kollha proposti u magħżula. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi b'mod partikolari n-numru ta' proposti rċevuti, l-Istati Membri u s-setturi kkonċernati, u l-eżitu tal-valutazzjoni ta' dawk il-proposti.

(20) Il-kooperazzjoni bejn atturi ekonomiċi ta' Stati Membri differenti tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-valur miżjud tal-Unjoni u għall-viżibbiltà akbar tad-diversità tal-prodotti agrikoli tal-Unjoni. Minkejja l-prijorità mogħtija lil programmi li ġew żviluppati b'mod konġunt bejn l-organizzazzjonijiet proponenti fi Stati Membri differenti, fil-perjodu 2001-2011 tali programmi kienu responsabbli biss għal 16 % tal-baġit allokat għal azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni. Konsegwentement, arranġamenti ġodda għandhom jiġu introdotti, partikolarment fir-rigward tal-ġestjoni ta' programmi multipli, sabiex jingħelbu l-ostakli eżistenti għall-implimentazzjoni tagħhom.

([1]) Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli u li jirrevoka r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347,20.12.2013, p. 671).

(21) Jeħtieġ li jiġu ddefiniti l-kriterji tal-finanzjament ta' azzjonijiet. Bħala regola ġenerali, sabiex jiġi żgurat li organizzazzjonijiet proponenti interessati jieħdu f'idejhom is-sehem tagħhom ta' responsabbiltà, l-Unjoni għandha tkopri biss parti mill-ispejjeż tal-programmi. Madankollu, ċerti spejjeż amministrattivi u tal-persunal, li mhumiex marbuta mal-implimentazzjoni tal-PAK, jiffurmaw parti integrali ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni u għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni.

(22) Kull miżura għandha tkun suġġetta għal monitoraġġ u evalwazzjoni sabiex tittejjeb il-kwalità tagħha u tingħata prova tal-kisbiet tagħha. F'dan il-kuntest għandha tiġi ddeterminata lista ta' indikaturi, u l-impatt tal-politika tal-promozzjoni għandu jiġi vvalutat mill-Kummissjoni b'rabta mal-objettivi strateġiċi tagħha. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għal din il-politika li jkun konsistenti mal-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni komuni tal-PAK.

(23) Sabiex ikunu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Dan l-għoti ta' setgħa għandu jkopri, b'suppliment għal-lista fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, il-kriterja biex tkun iddeterminata l-eliġibilità tal-organizzazzjonijiet proponenti, il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura kompetittiva għall-għażla ta' korpi implimentattivi, il-kundizzjonijiet speċifiċi li jiddeterminaw l-eliġibbiltà fir-rigward ta' programmi sempliċi, tal-ispejjeż ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, tal-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal u d-dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mir-Regolament (KE) Nru 3/2008 għal dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni fir-rigward ta' regoli dettaljati dwar il-viżibbiltà ta' marki kummerċjali waqt dimostrazzjonijiet ta' prodotti jew attivitajiet ta' tidwiq u fuq materjal ta' informazzjoni u promozzjoni u dwar il-viżibbiltà tal-oriġini ta' prodotti fuq materjal ta' informazzjoni u promozzjoni; il-programmi ta' ħidma annwali; l-għażla ta' programmi sempliċi; regoli dettaljati li bihom organizzazzjoni proponenti tista' tkun awtorizzata timplementa ċerti partijiet ta' programm sempliċi hija nnifisha; l-arranġamenti għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll ta' programmi sempliċi; ir-regoli li jikkonċernaw il-konklużjoni ta' kuntratti għall-implimentazzjoni ta' programmi sempliċi magħżula skont dan ir-Regolament; u l-qafas komuni għall-valutazzjoni tal-impatt tal-programmi kif ukoll sistema ta' indikaturi. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(25) Minħabba r-rabtiet li jeżistu bejn il-politika ta' promozzjoni u l-istrumenti l-oħra tal-PAK, u meta titqies il-garanzija pluriennali tal-finanzjament mill-Unjoni u l-konċentrazzjoni tagħha fuq prijoritajiet definiti b'mod ċar, l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni,l-Unjoni tista' għalhekk tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula l-kundizzjonijiet li taħthom l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli u ċerti prodotti alimentari bbażati fuq prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern jew f'pajjiżi terzi ("azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni'), jistgħu jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, kollha kemm huma jew parzjalment.

Artikolu 2

Objettivi ġenerali u speċifiċi tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni

1. L-objettiv ġenerali tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni huwa li tissaħħaħ il-kompetittività tas-setttur agrikolu tal-Unjoni.

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

2. L-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni huma:

(a) żieda fil-kuxjenza dwar il-merti tal-prodotti agrikoli tal-Unjoni u l-istandards għoljin applikabbli għall-metodi ta' produzzjoni fl-Unjoni;

(b) żieda fil-kompetittività u l-konsum ta' prodotti agrikoli tal-Unjoni u ċerti prodotti agrikoli u sabiex jogħla l-profil tagħhom kemm ġewwa u barra l-Unjoni;

(c) żieda fil-kuxjenza u r-rikonoxximent ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni;

(d) żieda tas-sehem tas-suq tal-prodotti agrikoli tal-Unjoni u ċerti prodotti tal-ikel, b'attenzjoni speċifika għal dawk is-swieq f'pajjiżi terzi li għandhom l-ogħla potenzjal ta' tkabbir;

(e) l-istabbiliment mill-ġdid tal-kundizzjonijiet normali tas-suq f'każ ta' taqlib serju fis-suq, telf tal-fiduċja tal-konsumatur jew problemi speċifiċi oħra.

Artikolu 3

Deskrizzjoni tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni

L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għandhom jimmiraw sabiex:

(a) jenfasizzaw il-karatteristiċi speċifiċi tal-metodi tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni, partikolarment f'termini ta' sikurezza tal-ikel, tat-traċċabilità, tal-awtentiċità, tat-tikkettjar, tal-aspetti nutrittivi u tas-saħħa, tal-benesseri tal-annimali, tar-rispett għall-ambjent u s-sostenibilità, u l-karatteristiċi tal-prodotti agrikoli u alimentari, b'mod partikolari f'termini ta' kwalità, togħma, diversità jew tradizzjonijiet tagħhom;

(b) sensibilizzazzjoni dwar l-awtentiċità ta' denominazzjonijiet protetti ta' oriġini Ewropea, indikazzjoni ġeografika protetta u speċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti.

Dawn il-miżuri għandhom jikkonsistu b' mod partikolari f'ħidma ta' relazzjonijiet pubbliċi u kampanji ta' informazzjoni u jistgħu jieħdu l-forma wkoll ta' parteċipazzjoni f'avvenimenti, fieri u eżibizzjonijiet ta' importanza nazzjonali, Ewropea u internazzjonali.

Artikolu 4

Karatteristiċi tal-azzjonijiet

1. L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni mhumiex orjentati skont marki kummerċjali. Madankollu, għandu jkun possibli għall-marki kummerċjali tal-prodotti li jkunu viżibbli matul dimostrazzjonijiet jew avvenimenti ta' tidwiq tal-prodotti u fuq l-informazzjoni u l-materjal promozzjonali, sakemm il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jkun rispettat u n-natura ġenerali mhux orjentata lejn il-marka kummerċjali tal-miżuri, ma tinbidilx. Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għandu japplika u jiżgura trattament u aċċess ugwali għall-marki kummerċjali kollha tal-organizzazzjonijiet proponenti u trattament ugwali għall-Istati Membri. Kull marka kummerċjali għandha tkun ugwalment viżibbli u l-preżentazzjoni grafika tagħha għandha tuża format iżgħar mill-messaġġ prinċipali tal-kampanja tal-Unjoni. Bosta marki kummerċjali għandhom jiġu esposti, minbarra f'ċirkostanzi debitament ġustifikati li jappartjenu għas-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri.

2. L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni ma għandhomx ikunu orjentati lejn l-oriġini. Tali azzjonijiet ma għandhomx ikollhom l-għan li jinkoraġġixxul-konsum ta' prodott abbażi biss tal-oriġini tiegħu. Madankollu, l-oriġini ta' prodotti tista' tkun viżibbli fuq informazzjoni u materjal promozzjonali, suġġett għar-regoli li ġejjin:

(a) fis-suq intern, il-preżenza ta' indikazzjoni tal-oriġini dejjem għandha tkun sekondarja f'relazzjoni mal-messaġġ ewlieni tal-kampanja tal-Unjoni.

(b) fil-pajjiżi terzi, il-preżenza ta' indikazzjoni tal-oriġini tista' tkun fl-istess livell bħall-messaġġ ewlieni tal-kampanja tal-Unjoni.

(c) għal prodotti rikonoxxuti taħt l-iskemi ta' kwalità msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 5(4), l-oriġini reġistrata fid-denominazzjoni tista' tissemma mingħajr ebda restrizzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha taddotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli dettaljati dwar:

(a) il-viżibbiltà ta' marki kummerċjali waqt dimostrazzjonijiet jew avvenimenti ta' tidwiq u fuq materjal ta' informazzjoni u promozzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, kif ukoll kundizzjonijiet uniformi li bihom marka kummerċjali unika tista' tintwera; u,

(b) il-viżibbiltà tal-oriġini ta' prodotti fuq materjal ta' informazzjoni u promozzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

Artikolu 5

Prodotti u skemi eliġibbli

1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jkunu s-suġġett ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni jistgħu jkopru l-prodotti li ġejjin:

(a) il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, eskluż it-tabakk;

(b) il-prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(c) xorb spirituż (spirti tax-xorb) b'indikazzjoni ġeografika protetta skont ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2. Il-Kummmissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 22, sabiex tieħu kont tal-iżviluppi fis-suq, billi tissupplimenta l-lista fl-Anness I ta' dan ir-Regulation tiġi supplementata biż-żieda ta' prodotti talikel f'dik il-lista.

3. Minkejja l-paragrafu 1,

(a) l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni jistgħu jkopru biss l-inbid b'denominazzjoni ta' oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta, kif ukoll l-inbid li fuqu hemm indikata l-varjetà tal-għenba tal-produzzjoni tal-inbid; fil-każ ta' programmi sempliċi msemmija fl-Artikolu 6(3), il-programm inkwistjoni għandu jkopri wkoll prodotti oħra msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1;

(b) fir-rigward tal-ispirti tax-xorb kif imsemmi fil- punt (c) tal-paragrafu 1, l-inbid kif imsemmi fil- punt (a) ta' dan il-paragrafu u l-birra, l-azzjonijiet li jimmiraw lejn is-suq intern għandom ikunu limitati biex jgħarrfu lill-konsumaturi dwar l-iskemi stabbiliti fil-paragrafu 4 u l-konsum responsabbli ta' dan ix-xorb.

(c) il-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura elenkati fl-Anness I tar-Regulation (UE) Nru 1379/2013 jistgħu jkunu s-suġġett ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni biss jekk prodotti oħra kif imsemmi fil-paragrafu 1 ikunu koperti wkoll mill-programm inkwistjoni.

4. L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni jistgħu jkopru l-iskemi li ġejjin:

(a) l-iskemi tal-kwalità stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012, ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 u l-Artikolu 93 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(b) il-metodu ta' produzzjoni organika kif definit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([2]);

(c) is-simbolu grafiku tal-prodotti agrikoli ta' kwalità li huma speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi kif msemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

([1]) Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

([3]) Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

(d) l-iskemi ta' kwalità msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

KAPITOLU II

IMPLIMENTAZZJONI TAL-AZZJONIJIET TA' INFORMAZZJONI U TA' PROMOZZJONI

TAQSIMA 1

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 6

Tipi ta' azzjonijiet

1. L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għandhom jieħdu l-forma ta':

(a) programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni ("programmi") u

(b) il-miżuri fuq l-inizjattivi tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 9.

2. Il-programmi għandhom jikkonsistu f'sett koerenti ta' operazzjonijiet u għandhom jiġu implimentati tul perjodu ta' mill-inqas sena iżda mhux iktar minn tliet snin.

3. Programmi sempliċi, li aktar dettalji madwarhom huma previsti fit-Taqsima 2 ta' din il-Kapitolu, jistgħu jiġu mressqa minn organizzazzjoni proponenti waħda jew aktar, kif imsemmi fil-punti (a), (c) jew (d) tal-Artikolu 7(1), li għandhom ikunu kollha minn Stat Membru wieħed.

4. Programmi multipli, li aktar dettalji dwarhom huma previsti fit-Taqsima 3 ta' din il-Kapitolu, jistgħu jiġu sottomessi minn:

(a) tal-anqas żewġ organizzazzjonijiet proponenti imsemmija fil-punti (a), (c) jew (d) tal-Artikolu 7(1) li kollha għandhom ikunu minn tal-anqas żewġ Stati Membri; jew

(b) organizzazzjoni tal-Unjoni waħda jew aktar imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1).

Artikolu 7

L-entitajiet proponenti

1. Programm jista' jiġi propost minn:

(a) organizzazzjonijiet professjonali jew interprofessjonali stabbiliti fi Stat Membru u rappreżentanti tas-settur jew setturi kkonċernat(i) f'dak l-Istat Membru, u b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet interprofessjonali msemmija fl-Artikolu 157 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-gruppi kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, sakemm ikunu rappreżentattivi għall-isem protett skont ir-Regolament tal-aħħar u li huwa kopert b'dak il- -programm;

(b) organizzazzjonijiet professjonali jew interprofessjonali tal-Unjoni rappreżentattivi tas-settur jew setturi kkonċernat(i) fil-livell tal-Unjoni;

(c) organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, kif definiti fl-Artikoli 152 u 156 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li ġew rikonoxxuti minn Stat Membru.

(d) korpi tas-settur agroalimentari li l-objettiv u l-attività tagħhom huma li jipprovdu informazzjoni dwar, u li jippromwovu prodotti agrikoli u li jkunu ġew inkarigati, mill-Istat Membru kkonċernat, b'missjoni ta' servizz pubbliku f'dan il-qasam iddefinit b'mod ċar; dawk il-korpi għandhom ikunu ġew stabbiliti legalment fl-Istat Membru inkwistjoni tal-inqas sentejn qabel id-data tas-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 8(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikoli 22, li jistipulaw kundizzjonijiet speċifiċi li bihom kull organizzazzjoni, grupp u korpi proponenti msemmi fil-paragrafu 1 jista' jressaq programm. Dawk il-kondizzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jiggarantixxu li dawk l-organizzazzjonijiet, gruppi u korpi huma rappreżentattivi u li l-programm ikun fuq skala sinifikanti.

([1]) Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

Artikolu 8

Programm ta' ħidma annwali

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jistipulawgħal kull sena, programm ta' ħidma annwali li jistabbilixxi l-għanijiet operazzjonali li għandhom jiġu segwiti, il-prijoritajiet operazzjonali, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tal-pjan ta' finanzjament. Dak il-programm ta' ħidma annwali, u b'mod partikolari, il-prijoritajiet operazzjonali tiegħu, għandhom jirrispettaw l-għanijiet speċifiċi spjegati fl-Artikolu 2. B'mod partikolari, il-programm għandu jipprovdi għal arranġamenti temporanji speċifiċi għal reazzjoni għal tfixkil serju fis-suq, telf ta' fiduċja tal-konsumaturi jew problemi speċifiċi oħra kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 2(2). Dan għandu jinkludi wkoll il-kriterji prinċipali għall-evalwazzjoni, deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokati għal kull tip ta' azzjoni, skeda indikattiva tal-implimentazzjoni u, fil-każ tal-għotjiet, ir-rata massima ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni msemmi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

2. Il-programm ta' ħidma msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi implimentat, għal programmi sempliċi u għal dawk multipli, permezz tal-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' sejħiet għal proposti skont it-Titolu VI tal-Parti I tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Artikolu 9

Azzjonijiet bl-inizjattiva tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni kif deskritti fl-Artikolu 3, inklużi kampanji fil-każ ta' tfixkil serju tas-suq, telf tal-fiduċja tal-konsumaturi jew problemi speċifiċi oħra msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 2(2). Dawn l-azzjonijiet jistgħu b'mod partikolari jieħdu l-forma ta' missjonijiet ta' livell għoli, parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali u f'esponimenti ta' importanza internazzjonali, bil-ħolqien ta' stands jew operazzjonijiet maħsuba biex jippromwovu r-reputazzjoni tal-prodotti tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni tiżviluppa s-servizzi ta' appoġġ tekniku, b'mod partikolari bil-ħsieb li:

(a) tinkoraġġixxi s-sensibiliżżazzjoni dwar swieq differenti, inkluż permezz ta' laqgħat ta' ħidma esploratorji;

(b) żżomm netwerk professjonali dinamiku madwar politika ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, inkluż l-għoti ta' parir lis-settur dwar it-theddida tal-prodotti ta' imitazzjoni u foloz f'pajjiżi terzi; u

(c) ttejjeb l-għarfien dwar regoli tal-Unjoni li jikkonċernaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni.

Artikolu 10

Projbizzjoni ta' finanzjament doppju

L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni finanzjati skont dan ir-Regolament m'għandhom jirċievu l-ebda finanzjament ieħor taħt il-baġit tal-Unjoni.

TAQSIMA 2

Implimentazzjoni u ġestjoni ta' programmi sempliċi

Artikolu 11

Għażla ta' programmi sempliċi

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa u tagħżel proposti għal programmi sempliċi li tirċievi b' risposta għal-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 8(2). Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 li jistipula l-kondizzjonijiet speċifiċi għall-eliġibbiltà fir-rigward ta' programmi sempliċi.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jiddeterminaw il-programmi sempliċi magħżula, kwalunkwe it-tibdiliet li għandhom isiru lilhom, u dwar korrispondenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

([1]) Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Artikolu 12

Informazzjoni dwar l-għażla ta' programmi sempliċi

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 23, u b'hekk lill-Istati Membri, informazzjoni f'waqtha dwar il-programmi kollha proposti jew magħżula.

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tipprovdi:

(a) informazzjoni dwar l-għadd ta' proposti milqugħa, l-Istati Membri li fihom l-organizzazzjonijiet proponenti huma stabbiliti, is-setturi involutiu s-suq jew swieq immirat(i);

(b) informazzjoni dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni tal-valutazzjoni tal-proposti u deskrizzjoni sommarja tagħhom.

Artikolu 13

Korpi inkarigati mill-implimentazzjoni tal-programmi sempliċi

1. Wara li tkun twettqet kif xieraq proċedura kompetittiva, l-organizzazzjoni proponenti għandha tagħżel il-korpi li se jimplimentaw programmi sempliċi magħżula bil-ħsieb, b'mod partikolari, li jiġi żgurat li l-azzjonijiet jiġu implimentati b'mod effikaċi.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 li jistipula l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura kompetittiva għas-selezzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

2. B' deroga mill-paragrafu 1, organizzazzjoni proponenti tista' timplimenta ċerti partijiet ta' programm hi stess, suġġett għal kundizzjonijiet relatati mal-esperjenza tal-organizzazzjoni proponenti fl-implimentazzjoni ta' tali azzjonijiet, il-kost ta' tali azzjonijiet fir-rigward tar-rati normali tas-suq u s-sehem tal-kost totali li hu rappreżentat mill-parti tal-programm implimentata mill-organizzazzjoni proponenti.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli dettaljati li taħthom l-organizzazzjoni proponenti tista' tiġi awtorizzata timplimenta ċerti partijiet tal-programm hija stess. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

Artikolu 14

Implimentazzjoni, monitoraġġ u kontroll tal-programmi sempliċi

1. L-Istati Membri kkonċernati huma responsabbli għat-twettiq tajjeb tal-programmi sempliċi magħżula msemmija skont l-Artikolu 11, kif ukoll għall-pagamenti relatati. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li l-materjal ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li jiġi prodott fil-kuntest tal-programmi msemmija jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw l-arranġamenti għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll u r-regoli li jikkonċernaw il-konklużjoni ta' kuntratti għall-implimentazzjoni tal-programmi sempliċi magħżula skont dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tal-programmi sempliċi u għandhom jissorveljaw u jikkontrollaw dawn il-programmi skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u skont l-atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati skont il-paragrafu 1.

Artikolu 15

Dispożizzjonijiet finanzjarji relatati mal-programmi sempliċi

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-programmi sempliċi fis-suq intern għandha tkun ta' 70 % tan-nefqa eliġibbli. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-programmi sempliċi f'pajjiżi terzi għandha tkun ta' 80 % tan-nefqa eliġibbli. In-nefqa li tibqa' titħallas esklussivament mill-organizzazzjonijiet proponenti.

[1] Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni u li jirrevoka r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78 (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

2. Il-perċentwali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżdiedu għal 85 % fil-każ ta' tfixkil serju fis-suq, telf ta' fiduċja tal-konsumaturi jew problemi speċifiċi oħra msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 2(2).

3. Bħala deroga mill-paragrafi 1 u 2, għall-organizzazzjonijiet proponenti stabbiliti fl-Istati Membri li fl-1 ta' Jannar 2014 jew wara dik id-data jkunu benefiċjarji ta' appoġġ finanzjarju skont l-Artikoli 136 u 143 tat-TFUE, il-perċentwali msemmija fil-paragrafu 1, għandhom ikunu ta' 75 % u 85 % rispettivament, u l-preċentaġġ imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun ta' 90 %.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal dawk il-programmi li tkun ittieħdet deċiżjoni dwarhom mill-Kummissjoni qabel id-data li minnha l-Istat Membru kkonċernat ma jkomplix jirċievi tali appoġġ finanzjarju.

4. L-istudji sabiex jiġu evalwati r-riżultati tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni skont il-qafas komuni msemmi fl-Artikolu 25 huma eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni bil-kundizzjonijiet simili għal dawk li jirregolaw il-programm sempliċi inkwistjoni.

5. L-Unjoni tiffinanzja għalkollox l-ispejjeż ta' konsulenza marbuta mal-għażla tal-programmi skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

6. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-programmi sempliċi, l-organizzazzjonijiet proponenti għandhom jipprovdu garanziji.

7. L-Unjoni għandha tiffinanzja azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni implimentati permezz tal-programmi sempliċi skont il-punt (c) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22, dwar il-kondizzjonijiet speċifiċi li skonthom l-ispejjeż tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni u, fejn meħtieġ, l-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal huma eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni.

TAQSIMA 3

Implimentazzjoni u ġestjoni tal-programmi multipli u tal-azzjonijiet implimentati bl-inizjattiva tal-kummissjoni

Artikolu 16

Tipi ta' finanzjament

1. Il-finanzjament jista' jieħu wieħed jew aktar mill-forom li jiddisponi għalihom ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u b'mod partikolari dan jikkonsist fi:

(a) għotjiet għall-programmi multi;

(b) swieq għall-azzjonijiet bl-inizjattiva tal-Kummissjoni.

2. Il-finanzjament mill-Unjoni ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni implimentati abbażi tal-programmi multipli jew bl-inizjattiva tal-Kummissjoni jsir skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 17

Evalwazzjoni tal-programmi multipli

Il-proposti għal programmi multipli huma evalwati u magħżula fuq il-bażi tal-kriterji imħabbra fis-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 8(2).

Artikolu 18

Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programmi multipli

Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 23, u b'ħekk lill-Istati Membri informazzjoni f'waqtha dwar il-programmi kollha li jiġu proposti u magħżula.

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet finanzjarji relatati mal-programmi multipli

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-programmi multipli għandha tkun ta' 80 % tan-nefqa eliġibbli. In-nefqa li tibqa' titħallas esklussivament mill-organizzazzjonijiet proponenti.

2. Il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal 85 % fil-każ ta' tfixkil serju fis-suq, telf ta' fiduċja tal-konsumaturi jew problemi speċifiċi oħra msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 2(2).

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, għall-organizzazzjonijiet proponenti stabbiliti fl-Istati Membri li fl-1 ta' Jannar 2014 jew wara dik id-data jkunu benefiċjarji ta' appoġġ finanzjarju skont l-Artikoli 136 u 143 tat-TFUE, il-perċentwali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu ta' 85 %, u ta' 90 % rispettivament.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal dawk il-programmi li tkun ittieħdet deċiżjoni dwarhom mill-Kummissjoni qabel id-data li minnha l-Istat Membru kkonċernat ma jkomplix jirċievi tali appoġġ finanzjarju.

Artikolu 20

L-akkwist għal azzjonijiet implimentati bl-inizjattiva tal-Kummissjoni

Kwalunkwe akkwist effettwat mill-Kummissjoni f'isimha stess jew flimkien ma' Stati Membri huwa soġġett għar-regoli dwar l-akkwist stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 ([1]).

Artikolu 21

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Union

1. Il-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont din it-taqsima, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'kontrolli effikaċi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu bi żball u, fejn xieraq, b'penali amministrattivi u finanzjarji effikaċi, proporzjonali u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri jkollhom is-setgħa li jawditjaw, abbażi tad-dokumenti u fuq il-post, fir-rigward tal-benefiċjarji kollha tal-għotja, kuntratturi u subkuntratturi li jkunu rċevew il-fondi tal-Unjoni.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([3]) sabiex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew ma' kuntratt iffinanzjat mill-Unjoni.

4. Bla preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' programm taħt dan ir-Regolament għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li espressament jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditjar u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

TAQSIMA 1

Delega ta' setgħat u dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni

Artikolu 22

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

([2]) Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

([3]) Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar kontrolli u spezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi tal-Komunitajiet Ewropej mill-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, fuq il-post 15.11.1996, p. 2).

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 5(2), 7(2), 11(1), 13(1), 15(8) u 29(2) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-24 ta' Novembru 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 5(2), 7(2), 11(1), 13(1), 15(8) u 29(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data oħra li tkun speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att ta' delega, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att ta' delega adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 23

Kumitat

1. Il-Kummissjoni hija assistita mill-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli stabbilit bl-Artikolu 229 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Dak il-kumitat huwa kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

TAQSIMA 2

Konsultazzjoni, valutazzjoni u rappurtar

Artikolu 24

Konsultazzjoni

Fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-grupp għad-djalogu ċivili fuq il-kwalita' u l-promozzjoni stabbilti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/767/UE [1].

Artikolu 25

Qafas komuni għall-valutazzjoni tal-impatt tal-azzjonijiet

B'mod koerenti mal-qafas komuni ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-politika agrikola komuni provdut fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni, għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-qafas komuni għall-valutazzjoni tal-impatt tal-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni ffinanzjati skont dan ir-Regolament, kif ukoll sistema ta' indikaturi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni huma adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

Il-partijiet kollha kkonċernati jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-tagħrif u l-informazzjoni kollha neċessarji biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-impatt tal-azzjonijiet.

Artikolu 26

Rapport

1. Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport interim dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir- rapport interim għandu jinkludi r-rata tal-utilizzazzjoni fl-Istati Membri differenti, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa.

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/767/UE tas-16 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi qafas għal djalogu ċivili fi kwistjonijiet koperti bil-politika agrikola komuni u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/391/KE (ĠU L 338, 17.12.2013, p. 115).

2. Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkumpannjat minn proposti xierqa, skont il-każ.

TAQSIMA 3

Għajnuna mill-istat, tħassir, dispożizzjonijiet tranżitorji, dħul fis-seħħ u data ta' applikazzjoni

Artikolu 27

Għajnuna mill-Istat

B'deroga mill-Artikolu 211(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u mill-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 ([1]), kif ukoll bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 42 TFUE, tal-Artikoli 107, 108 u 109 TFUE ma għandhomx japplikaw għall-pagamenti li jsiru mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament u skont id-dispożizzjonijiet tagħha, u lanqas ma għandhom japplikaw għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jkunu ġejjin minn dħul parafiskali, minn kontribuzzjonijiet mandatarji jew strumenti finanzjarji oħra tal-Istati Membri, fil-każ ta' programmi eliġibbli għall-appoġġ tal-Unjoni li l-Kummissjoni tkun għażlet f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 28

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni mniżżla fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 29

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 għandu jkompli japplika għal dawk l-azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni li għalihom il-Kummissjoni tkun iddeċidiet il-finanzjament qabel l-1 ta' Diċembru 2015.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti ta' delega f'konformita mal-Artikolu 22 biex tiżgura t-tranżizzjoni bejn l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 u dan ir-Regolament.

Artikolu 30

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta' Ottubru 2014.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
M. SCHULZ	B. DELLA VEDOVA

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 tal-24 ta' Lulju 2006 li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta', u l-kummerċ fi, prodotti agrikoli (ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7).

ANNESS I

Il-prodotti msemmija fil-punt (b) tal-artikolu 5(1)

(a) birra,

(b) ċikkulata u prodotti derivati,

(c) prodotti ta' ħobż, għaġina, kejkijiet, ħlewwiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara,

(d) xorb minn estratti tal-pjanti,

(e) għaġin,

(f) melħ,

(g) gomma u reżina naturali,

(h) pasta tal-mustarda,

(i) qamħirrum ħelu (zea mays var. saccharata),

(j) qoton.

ANNESS II

It-Tabella ta' Korrelazzjoni

msemmija fl-Artikolu 28

Regolament (KE) Nru 3/2008	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1(1), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 1
L-Artikolu 1(1), it-tieni subparagrafu	Il-punt (a) tal-Artikolu 6(1)
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 4(1) u (2)
LArtikolu 2	L-Artikolu 3
L-Artikoli 3 u 4	L-Artikolu 5
L-Artikolu 5	L-Artikolu 8
L-Artikolu 6(1)	L-Artikolu 7
L-Artikolu 6(2)	—
L-Artikolu 7	—
L-Artikolu 8	L-Artikoli 11, 12 u 17
L-Artikolu 9	—
L-Artikolu 10	L-Artikolu 9
L-Artikolu 11	L-Artikolu 13
L-Artikolu 12(1)	—
L-Artikolu 12(2)	L-Artikolu 14
L-Artikolu 13(1)	L-Artikolu 6(1)(b)
L-Artikolu 13(2), l-ewwel subparagrafu	L-Artikoli 15(1), 15(2) u 15(3) u l-Artikolu 19
L-Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu	—
L-Artikolu 13(2), it-tielet subparagrafu	—
L-Artikolu 13(3), (4) u (5)	—
L-Artikolu 13(6)	L-Artikolu 27
L-Artikolu 14	L-Artikolu 15(5), 15(7) u l-Artikolu 16(2)
L-Artikoli 15 u 16	L-Artikoli 4(3), 5(2), 7(2), 8(1), 11, 13, 14(1), 15(8), 22, 23, 25 u 29
L-Artikolu 17	L-Artikolu 24
L-Artikolu 18	L-Artikolu 26
L-Artikolu 19	L-Artikolu 28
L-Artikolu 20	L-Artikolu 30